**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Nru : 219/18AL

**A B**

Vs

**C sive C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-18 ta' Novembru tas-sena 2000 (**Dok. AR1**) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal E D illi twieldet fit-2 ta Jannar 2003 u F D illi twieled fit-22 ta' Awwissu 2006.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b‘ kuntratt ta‘ separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Liza Schembri, *animo ritirandi*, fl-ewwel ta‘ Settembru tas-sena elfejn u erbghatax (01.09.2014) (**Dok. AR2**) izda ilhom jghixu separati minn xulxin minn Gunju tas-sena 2010 (Artikolu 4).

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta‘ separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia*¸ l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2); Inoltre l-manteniment ghall-imsemmija tfal, E u F, gie regolatt fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni (Artikolu 8).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta‘ kuntratt ta‘ separazzjoni, m‘ huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet, l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

A tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta‘ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Mejju, 2018;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Settembru tas-sena 2014, izda ilhom jghixu separati minn xulxin minn Ġunju tas-sena 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;